## Domandi preliminari

(1) Il-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Mejju, C-95/07 u C-96/07, li jipprovdu li l-Artikoli 18(1)(d) u 22 tas-Sitt Direttiva 77/388 [1], kif emendata bid-Direttiva 91/680/KEE [2], fil-qasam tal-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet fi Stati Membri dwar it-taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ, jipprekludu prassi ta' rettifika tad-dikjarazzjonijiet u ta' rkupru tat-taxxa fuq il-valur miżjud li tissanzjona ksur, minn naħa, tal-obbligi li jirriżultaw mill-formalitajiet stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali skont dan l-Artikolu 18(1)(d), u, min-naħa l-oħra, tal-obbligi ta' kompatibbiltà kif ukoll ta' dikjarazzjoni li jirriżultaw rispettivament mill-imsemmi Artikolu 22(2) u (4), permezz ta' rifjut tad-dritt għal tnaqqis fil-każ ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' reverse charge — huma wkoll applikabbli fil-każ ta' ksur totali tal-obbligi imposti minn din l-istess leġiżlazzjoni, meta ma jkunx hemm fi kwalunkwe każ dubju dwar is-sitwazzjoni ta' persuna suġġetta għat-taxxa u tad-dritt tagħha għal tnaqqis?

(2) Il-frażijiet "obblighi sostanziali", "substantive requirement" u "exigences de fond" użati mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-verżjonijiet lingwistiċi differenti fis-sentenza tat-8 ta' Mejju 2008, C-95/07 u C-96/07, jirreferu, fir-rigward tal-ipoteżi ta' "reverse charge" fil-qasam tal-VAT, għall-ħtieġa li l-VAT titħallas jew li jiġi assunt id-dejn fiskali jew saħansitra għall-eżistenza ta' kundizzjonijiet sostantivi li jiġġustifikaw l-issuġġettar tal-persuna għall-ħlas tat-taxxa u li jirregolaw id-dritt għal tnaqqis intiż li jipproteġi l-prinċipju ta' newtralità tal-imsemmija taxxa, li jirriżulta mid-dritt tal-Unjoni — bħan-natura inerenti, in-natura taxxabbli u n-natura ta' tnaqqis totali?

[1] Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23)

[2] Direttiva tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 1991, li tissuplimenta s-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud u temeda d-Direttiva 77/388/KEE bil-ħsieb li tneħħi l-fruntieri fiskali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 160)

## Rikors ippreżentat fl-20 ta' Novembru 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

**(Kawża C-591/13)**

(2014/C 24/20)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: W. Mölls, W. Roels, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

### Talbiet

— tiddikjara li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 49 TFUE u taħt l-Artikolu 31 tal-Ftehim ŻEE [1], billi adottat u żammet fis-seħħ dispożizzjonijiet li permezz tagħhom it-tassazzjoni ta' riżervi kapitali ġġenerati mill-bejgħ b'titolu oneruż ta' ċerti assi tiġi posposta billi tiġi "ttrasferita" fuq assi ġodda, akkwistati jew prodotti, sal-mument tal-bejgħ tagħhom, sa fejn dawn l-assi jagħmlu parti mill-assi kapitali ta' stabbiliment permanenti ta' persuna taxxabbli li tinsab fit-territorju nazzjonali filwaqt li tali posponiment ma huwiex possibbli jekk l-istess assi jkunu jagħmlu parti mill-assi kapitali ta' stabbiliment permanenti ta' persuna taxxabbli li tinsab fi Stat Membru ieħor jew fi Stat ieħor taż-Żona Ekonomika Ewropea.

— tikkundanna lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Skont id-dispożizzjonijiet Ġermaniżi, fil-każ ta' bejgħ ta' ċerti assi operazzjonali, il-qligħ kapitali ġġenerat minn dan il-bejgħ ma jiġix intaxxat immedjatament jekk fi żmien ċertu perijodu l-persuna taxxabbli takkwista jew tipproduċi ċerti assi operazzjonali ġodda. F'dan il-każ, it-tassazzjoni tal-imsemmija qligħ kapitali ġġenerat mill-bejgħ tal-assi oriġinali tiġi posposta permezz ta' "trasferiment" tar-riżervi kapitali korrispondenti sal-bejgħ tal-assi akkwistati jew prodotti ġodda. Madankollu, dan il-posponiment jista' jsir biss jekk l-assi akkwistati jew prodotti ġodda jkunu jagħmlu parti mill-assi kapitali ta' stabbiliment permanenti li jinsab fit-territorju nazzjonali, iżda mhux jekk l-istabbiliment permanenti inkwistjoni jkun jinsab fi Stat Membru ieħor jew fi Stat ieħor taż-Żona Ekonomika Ewropea. Il-Kummissjoni tqis li din id-dispożizzjoni tmur kontra l-libertà ta' stabbiliment.

[1] Ftehim, tat-2 ta' Mejju 1992, dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 52, p. 3).

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Suceava (ir-Rumanija) fit-22 ta' Novembru 2013 — Casa Județeană de Pensii Botoșani vs Polixeni Guletsou

**(Kawża C-598/13)**

(2014/C 24/21)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

### Qorti tar-rinviju

Curtea de Apel Suceava (ir-Rumanija)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Casa Județeană de Pensii Botoșani

*Konvenuta:* Polixeni Guletsou

**Domandi preliminari**

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(2)(ċ) tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 [1] għandhom jiġu interpretati fis-sens li ftehim bilaterali konkluż bejn żewġ Stati Membri qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-imsemmi regolament, ftehim li permezz tiegħu dawn l-Istati ftiehmu dwar it-tmiem tal-obbligu relatat mal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali dovuti minn Stat liċ-ċittadini tal-Istat l-ieħor li kellhom l-istatus ta' refuġjati politiċi fit-territorju tal-ewwel Stat u li jkunu ġew irrimpatrijati fit-territorju tat-tieni Stat, inkambju għall-ħlas mill-ewwel Stat ta' somma f'daqqa għall-ħlas tal-pensjonijiet u għall-kopertura tal-perijodu li matulu tħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fl-ewwel Stat Membru, jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom?

---

(1) Regolament (KEE) Nru 1408/71 tal-Kunsill, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 35).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Raad van State (il-Pajjiżi l-Baxxi) fit-22 ta' Novembru 2013 — Vereniging Somalische Amsterdam en Omgeving (Somvao) vs Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie**

**(Kawża C-599/13)**

(2014/C 24/22)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Raad van State

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Appellanti:* Vereniging Somalische Amsterdam en Omgeving (Somvao)

*Appellat:* Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie

**Domandi preliminari**

(1) L-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 [1], tat-18 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea, jew l-Artikolu 53b(2)(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [2], tal-25 ta' Ġunju 2002, rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1995/2006 [3], tat-13 ta' Diċembru 2006, jipprovdi bażi legali għal emenda għad-detriment ta' benefiċjarju u għall-irkupru mingħandu min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali ta' sussidju diġà stabbilit, maħruġ mill-Fond Ewropew għar-refuġjati?

(2) L-Artikolu 25(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/904/KE [4], tat-2 ta' Diċembru, li tistabbilixxi l-fond ewropew għar-refuġjati għall-perijodu 2005-2010 tikkostitwixxi bażi legali għal emenda għad-detriment ta' benefiċjarju u għall-irkupru mingħandu min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali ta' sussidju diġà stabbilit, maħruġ mill-Fond Ewropew għar-refuġjati, mingħajr ma awtorizzazzjoni prevista mid-dritt nazzjonali ma tkun neċessarja għal dan il-għan?

---

(1) ĠU L 312, p. 1.
(2) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 74.
(3) ĠU L 390, p. 1.
(4) ĠU 2006 L 153M, p. 340.

---

**Appell ippreżentat fit-22 ta' Novembru 2013 minn Galp Energia España, SA, Petróleos de Portugal (Petrogal), SA, Galp Energia, SGPS, SA mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fis-16 ta' Settembru 2013 fil-Kawża T-462/07 — Galp Energia España, SA, Petróleos de Portugal (Petrogal), SA, Galp Energia, SGPS, SA vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-603/13 P)**

(2014/C 24/23)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Galp Energia España, SA, Petróleos de Portugal (Petrogal), SA, Galp Energia, SGPS, SA (rappreżentant: M. Slotboom, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tal-appellanti**

— tannulla s-sentenza mogħtija skont l-aggravji mressqa minn dan l-appell u/jew tannulla l-Artikoli 1, 2 u 3 tad-Deċiżjoni sa fejn hija tikkonċerna l-appellanti, u/jew tannulla l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni sa fejn ġiet imposta multa fuq l-appellanti jew li tnaqqas il-multa li ġiet imposta fuq l-appellanti fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni;

— tannulla s-sentenza u tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi dwar il-mertu fid-dawl tal-indikazzjonijiet mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.